**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Kurt Drago, detentur tal-Karta tal-Identità nru.506992M;**

**Joseph Giardina, detentur tal-Karta tal-Identità nru. 94002L;**

**Omissis;**

**Bernardette Ann Grech, detentriċi tal-Karta tal-Identita nru.73707L;**

**Pierino Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identità nru. 206861M;**

**Maria Dolores Vella, detentriċi tal-Karta tal-Identita nru. 206264M;**

**Silvio Vassallo, detentur tal-Karta tal-Identità nru. 293669M;**

**Omissis 1;**

**Omissis 2;**

**Ed Mike Attard, detentur tal-Karta tal-Identità nru. 392687M;**

**Albert Mamo, detentur tal-Karta tal-Identità nru. 277145M;**

**Karin Griffiths, detentriċi tal-Karta ta' l-Identita Nru. 420889M**

***Kaz. Nru. 2092/24***

Illum, 19 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati fuq imsemmija u ċioe talli:

Nhar nhar is-06 ta' Ġunju, .2021 fl-inhawi ta' Triq Censu Tabone, Balluta, San Giljan:

1. Volontarjament kissru l-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

2. U talli naqsu milli josservaw d-dispozizzjonijiet u cioe kienu fi spazji pubbliċi fi grupp ta' aktar minn 4 (erba') persuni bi ksur ta' L.S. 465.51 (A.L. 238/2021)

3. U aktar talli gie mhejji meeting fil-berah jew fi triq pubblika, jew f'post iehor pubbliku minghajr ma l-post kien specifikat mill-kummissarju tal-Pulizija.

4. U talli naqsu milli jobdu l-ordni sabiex il-meeting jigi zbandat meta nghataw diversi ordnijiet formali distinti minn diversi membri tal-Korp tal-Pulizija hemm prezenti.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024;

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-1 ta' Lulju, 2024;

Rat l-atti w id-dokumenti kollha;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

<u>L-Imputazzjonijiet numru Wieħed (1)</u>

Fl-affidavit ta PC332 jinghad kif il-protestanti kellhom megaphone li fuqu anke bdew jindaqqu diski. PC501 jiddikjara li dawk prezenti bdew *"jghajtu u jxejru tabelli."*[1]

[1] Fol.42

B'hekk din l-ewwel imputazzjoni ġiet pruvata.

Madanakollu dan ir-reat hu ta' natura kontravenzjonali u mir-rifreti esebiti jirrizulta li l-azzjoni ġiet preskritta fil-konfront tas-segwenti persuni peress li ma ġewx notifikati entro t-terminu trimestrali: Maria Dolores Vella[2], Pierino Camilleri[3] u Joseph Giardina.[4]

L-Imputazzjonijiet numru Tlieta (3) u Erba' (4)

L-artikolu 15 tal-Ordinanza dwar il-Meetings Pubbliċi, Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi:

> **15.**(1) L-ordni sabiex il-meeting jiġi żbandat jingħata b'ordnijiet formali distinti li jingħataw b'dak il-mod li l-aktar membru anzjan tal-Korp tal-Pulizija hemm preżenti jista' iqis li jkun suffiċjenti. Biex jingħata dak l-ordni kull membru tal-Korp tal-Pulizija jista' juża kull public address system li jkun qed jintuża waqt il-meeting.
> (2) Jekk l-ordnijiet hawn fuq imsemmija jibqgħu mingħajr effett, il-meeting jista' jiġi żbandat bl-użu tal-forza.
> (3) Il-forza tista' tiġi wkoll użata kemm-il darba ma jkun jista'jingħata ebda ordni minħabba rvell jew opposizzjoni.
> (4) Kull min ma jobdix l-ordnijiet hawn fuq imsemmija jeħel,meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur.

Diversi kienu l-affidavits prezentata minn uffiċjali tal-Pulizija li kkonfermaw kif l-imputati kienu jiffurmaw parti minn grupp ta' madwar sittin ruħ[5] li ippartecipaw fi protesta li ma kellhiex l-awtorizazzjoni u permess mill-Kummissarju tal-Pulizija. Dawn kienu PS1161 Aldo Zammit, li anke ikkonferma il-**Current Incident Report,**[6] PS1497 J. Calleja[7]; PC1200 Keith Tufigno[8]; PC332 Owen Galea[9] u PC680 S. Cauchi.[10]

Minbarra l-affidavits tal-uffiċjali tal-pulizija li rrikorrew fuq il-post tal-protesta, hemm ukoll stqarrijiet rilaxxatai minn Maria Dolores Vella, Karen Griffiths, Albert Mamo u Edmike Attard. Dawn jikkoroboraw dak li ddikjaraw l-uffiċjali tal-Pulizija in kwantu huma kienu jiffurmaw parti mill-protesta, u ċioe dwar il-partecipazzjoni taghhom.[11] Fl-istess affidavits jiġu indikati bħala parteċipanti fl-istess protesta

[2] Fol.175
[3] Fol.181
[4] Fol.183
[5] Affidavit ta' PC680 a fol.50
[6] Fol.52-56; Fol.58-60. **Current Incident Report** Nru. 6A/N/2578/2021 a fol.24 et seq
[7] Fol.154-156 u Fol.144-154
[8] Fol.162-164
[99] Fol.38;
[10] Fol.49-50
[11] Maria Dolores vella vide affidavit a fol.86-88; Edmike Attard vide affidabit a fol.98-100 u Karen Griffiths affidavit a fol.122-124

Bernardette Anne Grech[12], Joseph Giardina,[13] Silvio Vassallo[14], Albert Mamo[15] u Omissis 2[16].

Issa rigward l-imputazzjoni numru tlieta (3), dik kontemplata bl-artikolu 8 tal-Ordinanza dwar il-Meetings Pubbliċi, Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta, din jirrizulta preskritta fil-konfront tas-segwenti: Maria Dolores Vella[17], Pierino Camilleri[18] u Joseph Giardina.[19]

Dan għaliex l-artikolu 8, moqri flimkien mal-artikolu 14 tal-Ordinanza, jipprovdi piena ta' kontravenzjonijiet ghal ksur ta' dik id-disposizzjoni:

> **8.**Ebda meeting fil-beraħ ma jista' jsir fi triq pubblika, jew f'post ieħor pubbliku ħlief f'dak speċifikat mill-Kummissarju tal-Pulizija taħt id-disposizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan.

Imbgħad l-artikolu 24 jgħid:

> 24.Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra kuntrarji, kull reat taħt din il-liġi jew taħt ir-regolamenti magħmulin bis-saħħa tal-artikolu10 huwa suġġett għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet; iżda meta att jikkostitwixxi reat iżjed gravi skont il-Kodiċi Kriminali jgħoddu d-disposizzjonijiet ta' dak il-Kodiċi.

Ghalhekk huma biss l-imputati msemmija li qed jigu liberati minn din l-imputazzjoni peress li fil-konfront tal-ohrajn dawn ġew notifikati entro t-terminu ta' tlett xhur.[20]

<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>

Din l-imputazzjoni kienet kontemplata b'dak li kien ir-regolament 2 tar-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi (Emenda Nru 3), (A.L.182 tal-2021) liema regolamenti kienu emendaw ir-Regolamenti tal-2020 dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi, (A.L.337 tal-2020).[21]

---

[12] Fol.92-96
[13] Fol.68-72
[14] Fol.110-112
[15] Affidavit a fol.128-130
[16] Affidavit a fol.116-118
[17] Fol.175
[18] Fol.181
[19] Fol.183
[20] Fit-28/08/21 ġew notifikati Silvio Vassallo(fol.176), Omissis 2 (Fol.177), Edmike Attard (178) Karen Griffiths (180 ), Kurt Drago (184) u Albert Mamo (179). Bernardette Anne Grech ġiet notifikata fit-30/08(182).
[21] 3. Kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta'dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja,penali ta' mitt euro (€100) għal kull darba mill-okkażjonijiet li dawn ir-regolamenti jiġu miksura:
Iżda jekk ir-reat jiġi ammess u l-penali tiġi mħallsa qabelma jibdew il-proċeduri quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja, il-penali applikabbli għandha tkun imnaqqsa għal ħamsin eur(€50).

Bir-regolament 2 tar-Regolamenti tal-2022 dwar Revokar (A.L.115 tal-2022), hemm provdut:

> 2.Ir-regolamenti elenkati hawn isfel, maħruġa taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika, qegħdin jiġu mħassra:
> (a) Regolamenti dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi; u ......

Ir-regolament 3 jikkontempla dispożizzjoni tranżitorja li tipprovdi:

> Kwalunkwe att, deċiżjoni jew azzjoni meħuda qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-2022 dwar Revokar għandhom jibqgħu jkunu regolati mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti msemmija fir-regolament 2 ta' dawn ir-regolamenti, kif fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-2022 dwar Revokar.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċizjoni **Il-Pulizija vs Martin Cassano** irriteniet:[22]

> ........Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza. Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:
>
> *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties …. The Court …. affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.[23]"*
>
> Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:
>
> *"The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.[24]"*

---

[22] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima. Appell Nru: 497/2016; Seduta 28 ta' Settembru, 2017

[23] **Scoppola vs Italy** App.No.12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber)

[24] Ara ukoll **Ruban vs Ukraine** – 12/07/2016 u Koprivnikar vs Slovenia

> Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:
>
> *"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.[25]"*
>
> B'hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Fuq dan l-insenjament il-Qorti qed tilliberah lill-imputati minn din l-imputazzjoni.

**Piena**

Dwar il-piena l-Qorti qieset li dan il-każ jirrisali ghal 2021 filwaqt li ħadet in konsiderazzjoni in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputati kollha mit-tieni imputazzjoni, u tillibera lil Maria Dolores Vella, Pierino Camilleri u Joseph Giardina mill-ewwel u mit-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31 u, 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15 tal-Ordinanza dwar il-Meetings Pubbliċi, Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil-istess Maria Dolores Vella, Pierino Camilleri u Joseph Giardina ħatja tar-raba imputazzjoni iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tillberahom bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum.

Fil-konfront ta' Kurt Drago, Bernardette Anne Grech, Silvio Vassallo, Edmike Attard, Albert Mamo u Karen Griffiths, wara li rat l-artikoli 17, 31 u, 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15 tal-Ordinanza dwar il-Meetings Pubbliċi, Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill dawn l-imputati kollha ħatja tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba imputazzjoni, iżda bl-applikazzjoni Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tillberahom bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat iehor fi zmien sena (1) millum.

[25] Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017 "The more lenient criminal law" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**